**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hadd 13 t' Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Zachary Zammit)**

**vs**

**Hamid Mesto Masud**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Hamid Mesto Masud ta' 23 sena iben Masud u Rejda Askr, residenti gewwa Mario Flats Fl.2 Triq Xandru Farrugia, Zejtun detentur ta' passaport Bulgaru numru 860088504 mwieled is-Sirya nhar l-1 ta' Jannar 2000

Akkuzat talli nhar it-12 t' Awwissu 2023 ghall-habta ta' 21:30 ta' filghaxija gewwa Triq imsemmija Tul il-Kosta fl-inhawi tan-Naxxar u San Giljan u f'inhawi ohra f' dawn il-gzejjer;

1. Saq il-vettura ta' ghamla Ford bin-numru ta' registrazzjoni CGV 209 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan. (Art.15(1) (a) Kap.65)

2. Ta hazin lill-ufficjal tal-Pulizija jew ufficjal tal-Kominuta waqt li kienu qed jaqdu dmirhom, ismu, kunjomu, numru tal-karta tal-identita, l-indirizz jew xi partikularitajiet ohra jew xi dokument li seta kien mehtieg skond il-ligi. (Reg. 123(2) L.S. 65.11)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta'htija tiswalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

2. Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tlett (3) xhur prigunerija u xahrejn (2) detenzjoni, kif ukoll skwalifika tal-licenzja tas-sewqan, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. L-imputat m'ghandux licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtoritajiet kompetenti Maltin. Huwa gie Malta f'Gunju 2023, u se jitlaq minn Malta hmistax ohra. Ghalhekk, l-imputat ma jistghax jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan, u ma hemmx lok li tiskwalifikah milli jikseb licenzja tas-sewqan, stante li se jitlaq minn Malta hmistax ohra, u m'ghandux legami mal-Gzejjer Maltin.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 124(2) tal-Ligi Sussidjarja 65.11, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-multa ta' mitejn u tletin Euro (€230), liema multa ghandha tithallas immedjatament, u fin-nuqqas tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija skond ir-rata stabbilita mil-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**